TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 185/11 (JE).

Alicia Borg

vs

Maltapost p.l.c. (C 22796).

Illum, 20 ta' April 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Alicia Borg tal-14 ta' April 2011 fejn stqarret illi użat is-servizzi tal-Maltapost biex tirritorna telefon ċellulari li xtrat minn Franza ħalli tieħu kumpens peress illi kien imsakkar. Hija saqsiet x'tista' tagħmel sabiex isserraħ rasha illi t-telefon jasal fid-destinazzjoni u r-risposta kienet sabiex tirreġistraħ biex wieħed ikun jista' jara fejn ikun wasal. Hi hekk għamlet u kienet tiċċekja kuljum fejn kien wasal il-pakkett. Sa tlett ġimgħat wara, il-pakkett kien jimmarka "Dispatched from Qormi". Peress illi kellha żmien stipulat biex tirritorna t-telefon lill-bejjiegħ, l-attriċi bdiet tinkwieta u kienet iċċempel kuljum imma l-pakkett baqa' ma wasalx u l-bejjiegħ għalaq il-kwistjoni mingħajr ma rrifonda l-flus lill-attriċi. Meta l-attriċi kellmet lis-soċjetà konvenuta, qalulha biex tirreġistra lment sabiex issir investigazzjoni. Wara xi sitt xhur, l-attriċi rċeviet nota ta' kreditu ta' € 34.14 illi tkopri l-ispejjeż tal-pustaġġ imma l-attriċi talbet ir-rifużjoni tat-tlett mija u sebgħin (€ 370) kemm jiswa t-telefon li tilfet.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta li biha preliminarjament eċċepiet illi hija m'hix responsabbli għall-ħlas ta' l-ebda danni a tenur ta' l-artiklu 29 tal-Kap. 254 u illi fit-tieni lok, is-servizz ta' posta reġistrata ma jinkorporax fih servizz ta' assigurazzjoni jew ta' indennizz tal-oġġetti mibgħutha, b'dan pero' li f'każ ta' telf ta' l-oġġett jingħata "kumpens għall-inkonvenjent" skond ir-regoli tal-Għaqda Postali Universali ammontanti għal 30 Special Drawing Rights ekwivalenti għal € 34.13. Sussidjarjament, l-attriċi qatt ma talbet għal servizz li jindennizaha għal xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew ħsara lill-oġġett mibgħut minnha bil-posta reġistrata. Inoltre, l-oġġett postali de quo ġie mibgħut fil-pajjiż indikat mir-rikorrenti u twassal għand l-awtorità postali ta' l-imsemmi pajjiż.

Ra ix-xhieda prodotta mill-partijiet kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta.

Ikkunsidra.

Illi dan it-Tribunal kif presjedut diġa kellu l-okkażjoni illi jiddeċiedi kwistjoni analoga fil-kawża fl-ismijiet "Anna Maria Degiorgio vs Maltapost p.l.c." Illi f'dik l-okkażjoni, it-Tribunal kien stabilixxa dan li ġej :

> Illi s-soċjetà konvenuta qiegħda primarjament tistrieħ fuq l-immuni-tà minn ħlas ta' danni lilha mogħtija mill-artiklu 29 tal-Kap. 254. Madankollu, is-soċjetà intimata rrinunzjat għal tali immunità meta offriet lir-rikorrenti indenizz ta' € 35.48. Illi fi kwalunkwe każ, ir-responsabilità delittwali tas-soċjetà intimata m'hijiex neċessarjament limitata għan-nuqqas ta' kunsinja tal-pakkett in kwistjoni lill-indirizzat, liema eventwalità hija koperta bl-imsemmi artiklu 29 tal-Kap. 254 imma minħabba l-informazzjoni żbaljata illi r-rikorrenti allegatament ingħatat mingħand l-impjegat tas-soċjetà intimata illi assikuraha illi ma kellhiex għalfejn tuża mezzi alternattivi għall-posta reġistrata bħal per eżempju, tibgħat il-pakkett bl-EMS.
>
> Illi ovvjament dan it-Tribunal irid joqgħod fuq il-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-rikorrenti, liema verżjoni, it-Tribunal jikkunsidraha koerenti u verosimili. Dana t-Tribunal huwa tenut illi jaqta' l-kwistjonijiet quddiemu b'ekwità u għalkemm dan ma jfissierx illi għandu jikkommetti nġustizzja fil-konfront ta' xi parti, m'huwiex marbut illi jimxi bir-rigur normalment rikjest quddiem tribunali oħra. Għaldaqstant, għalkemm huwa minnu illi r-rikorrenti ngħatat irċevuta meta rreġistrat il-pakkett in kwistjoni illi kienet teskludi kumpens għall-kontenut tal-pakkett, it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi mill-provi prodotti, ir-rikorrenti ġiet assikurata illi setgħet isserraħ moħħha illi bir-reġistrazzjoni tal-pakkett ma kienx ser ikollha nkwiet. Ċertament dan huwa minnu fl-istragrandi maġġoranza tal-każijiet imma sfortunatament, m'hux f'dana l-każ.

Illi anke f'dan il-każ, l-attriċi allegat illi hija riedet tkun ċerta illi l-pakkett illi kienet ser tibgħat Franza kien ser jasal. Skond l-istess attriċi, l-impjegata tas-soċjetà konvenuta qaltilha sabiex tirreġistra l-pakkett imma ma jidhierx illi qaltilha illi f'każ ta' nuqqas ta' konsenja, l-attriċi ma kienetx ser tieħu l-valur tal-oġġett mibgħut. Dina s-sitwazzjoni hija riflessa ukoll fid-Dok. "B" allegat man-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta illi jirreferi għall-posta reġistrata u illi imkien ma jsemmi illi fil-każ ta' telf ta' oġġett reġistrat, il-valur tal-oġġett ma' jiġiex riżarċit. Anzi l-paġna hija ntitolata "If you value it, register it." Anki fid-Dok. "Ċ" allegat ma' l-istess nota, insibu illi "All items which are termed "high risk"...are to be registered." It-Tribunal jikkonċedi illi taħt il-kapitolu ta' "Compensation" fl-istess dokument hemm imniżżel illi "Except in the case of EMS items, compensation, awarded does not cover the cost of contents of any item, and is only meant to compensate for inconvenience." Madankollu, it-Tribunal jidhirlu illi dina l-esklużjoni ma ngħatatx il-prominenza dovuta u l-impressjoni ġenerali illi tingħata hi illi meta jkollok oġġett prezzjuż, wieħed ikun moħħu mistrieħ jekk jirreġistrah.

Illi għaldaqstant it-Tribunal iqis il-versjoni tal-fatti mogħtija mill-attriċi bħala kredibbli u verosimili u dan anke fin-nuqqas ta' provi konkreti kuntrarji da parti tas-soċjetà konvenuta.

Illi l-attriċi wriet illi hija kienet nefqet is-somma ta' € 366.62 fuq l-Iphone in kwistjoni u tali figura l-anqas ġiet ikkontestata u tidher verosimili.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attriċi u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tas-somma ta' € 366.63 bl-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviż u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.